MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 47/2012

**Joseph Genovese**

**vs**

**Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Joseph Genovese sabiex din il-Qorti taghmel referenza lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili billi qed jigi allegat illi l-process tal-ippjanar u l-limitazzjonijiet li jimponi qed jilledu d-dritt tal-proprjeta billi jirrestringielu d-dritt tat-tgawdija ghall-istess proprjeta. Inoltre qed jallega li l-istess process li kien wiehed esklussiv u restrittiv qed jilledulu d-dritt li jkollu rimedju xieraq, dan kollu ai termini tal-artikoli 32 u 37 u 39 tal-kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 8 u l-artikolu 1 Protokoll 1 tal-Kap. 319.

Rat ir-risposta tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li opponiet ghar-referenza billi l-allegazzjoni tal-ksur qed issir ghal proceduri li tmexxew minn organu li mhux Qorti (Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u Ippjanar) u ghalhekk ma tistax issir referenza ai termini tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Inoltre qed jigi allegat li t-talba hi frivola u vessatorja u vaga in kwantu liema aspetti tal-proceduri quddiem it-Tribunal huma lesivi tad-drittijiet fundamentali.

**Ikkunsidrat**

It-talba tar-rikorrenti ghal referenza kostituzzjonali qed issir ghax qed jigi kontestat b'mod generiku l-process tal-ippjanar li skond hu qed jirristringi d-dritt tieghu ghal proprjeta u tgawdija taghha.

L-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ighid hekk:
Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha ttqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.

Il-Qorti tqis illi dan l-artikolu ma jimponi ebda ostakolu li din il-Qorti ghandha l-poter li tirreferi kwistjoni ta' natura kostituzzjonali kif imfissra fl-imsemmi artikolu meta l-kwistjoni tqum quddiemha kif inhu dan il-kaz.

Il-Qorti tqis li l-kliem uzat fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni hu intiz biex jipprovdi ghal kazijiet fejn il-kwistjoni ta' indoli kostituzzjonali u konsegwenti referenza titqajjem f'xi Qorti li mhix il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali. L-unika eskluzjoni ghal referenza hi kwindi meta l-kwistjoni ta' referenza tqum quddiem entita li ma tistax tigi kwalifikata

bhala Qorti pero la darba l-kwistjoni tkun tqajmet quddiem Qorti, f'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell Inferjuri, il-kwisjtoni trid tigi indirizzata. Li hu relevanti ghall-iskop tar-referenza hu li t-talba trid tkun tali li teffettwa materjalment u intrinsikament il-proceduri li jkunu soggetti ghall-iskrutinju tal-Qorti li quddiemha tkun intalbet ir-referenza (ara f'dan is-sens **Karl Heinrich Muscat vs Avukat Generali et**, PA Kost. 17/01/2002).

F'dan il-kaz ma hemmx dubbju illi t-talba qed issir biex tigi newtralizzata d-decizjoni tat-Tribunal soggetta ghal dan l-appell.

Ma jfissirx b'daqshekk illi kull talba ghal referenza ghandha tigi akkolta awtomatikament. Din il-Qorti ghandha d-dritt u l-obbligu li tichad talba ghal referenza jekk tali talba fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz hi frivola jew vessatorja. Bi frivola l-ligi qed taghti x'tifhem li t-talba hi fiergha, bla ebda siwi jew serjeta jew li hi superficjali. B'vessatorja l-ligi qed tifhem illi t-talba tkun saret bi skop li ddejjaq jew ittawwal bla bzonn il-proceduri a skapitu tal-partijiet l-ohra fil-vertenza u tal-gustizzja in generali.

Ir-rikorrenti qed jallega li qed issir lezjoni tad-dritt tieghu ghal proprjeta u tgawdija tieghu inkwantu li l-process tal-ippjanar hu lesiv ta' dawn id-drittijiet minnu msemmija pero fl-istess waqt hu pacifiku illi hu qed jikkontesta d-decizjoni tat-Tribunal fil-mertu liema kontestazzjoni jekk tirrizulta favorevoli ghall-appellant ser tippreservalu d-drittijiet li hu jallega li qed jigu miksura bl-istess process li hu qed jippartecipa fih biex jiehu r-rimedju. Qabel ma jigi deciz l-appell ma jistax jinghad illi l-appellant naqaslu xi dritt tant li s'issa ghadu jgawdi s-sitwazzjoni li kienet tezisti qabel it-tehid ta' dawn il-proceduri. Kwindi hu car ghal din il-Qorti illi dak li qed jitlob l-appellant hu biss ipotetiku u mhux sorrett minn ebda fatt gia kompjut li s'issa fixkillu d-drittijiet tieghu tant li hu qed jmexxi proceduri regolati mill-ligi biex ixejjen decizjoni tat-Tribunal.

Applikat dan kollu ghal kaz in ezami, u minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet, f'dan l-istadju t-talba ghar-referenza maghmula mill-appellant hi nieqsa mis-

serjeta u hi superficjali aktar u aktar meta dak li donnu qed jigi attakkat ma jidhirx li hi d-decizjoni tat-Tribunal izda b'mod generali l-process tal-ippjanar u l-limitazzjonijiet fuq id-dritijiet tal-proprjeta.

**Decide**

Il-Qorti tqis illi sakemm ir-rikorrent ghadu qed imexxi l-proceduri ta' appell quddiem din il-Qorti ghal rimedju prattiku u effettiv tal-lanjanzi tieghu cioe li jinghata l-permess tal-bini kif irid hu skond is-sanzjoni li qed jitlob ma jistax jinghad li hemm lok li ssir referenza kostituzzjonali. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti f'dan l-istadju hi prematura u billi frivola u sa certu punt vessatorja qed tigi michuda.

Bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------